MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 64/2001/1

Mary Camilleri .

vs

Carmelo Azzopardi u
martu Annunziata sive Nancy
għal kwalunkwe
Interess li jista' jkollha .

Angelo Camilleri .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi żewġha u ċioe' Angelo Camilleri xi snin ilu kien issellef xi flus mingħand il-konvenut Carmelo Azzopardi ;

Illi l-ammont ta' flus li l-attriċi taf li żewġha kien issellef mingħand il-konvenut l-ieħor Carmelo Azzopardi ma kienx aktar minn elfejn liri maltin (LM2000) u sa fejn taf hi dan is-self kien ġie restitwit u bl-imgħax ;

Illi l-attriċi ma taf b'ebda self ieħor ta' flus li żewġha kien issellef mingħand il-konvenut Carmelo Azzopardi ;

Illi b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tal-1 ta' Awissu, 1995, l-attriċi ġiet indotta li tersaq fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, li permezz tiegħu żewġha kien ġegħelha tiddikjara flimkien miegħu li huma kienu debituri lejn il-konvenut fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, mija u tmenin liri maltin (Lm22.180), u li permezz ta' liema kuntratt l-attriċi kienet ġiet imġegħelha tipoteka proprjeta' parafernali tagħha biex tagħmel tajjeb għal dan l-allegat dejn ;

Illi sa fejn taf l-attiċi l-konvenut Carmelo Azzopardi qatt ma silef daqstant flus lil żewġha u jekk dan kien sar preċedentement għall-kuntratt, dan ma kienx sar bil-kunsens jew konoxxenza tagħha u żewġhja qatt am għamel dejn fl-interess jew li bih ġab 'il quddiem il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, u kull ma għamel kien li kisser u ġab rovina sħiħa fil-familja tiegħu ;

Illi dak li l-attriċi taf huwa li l-konvenut Carmelo Azzopardi kien iżomm imgħax eżorbitanti ferm ogħla min dak li huwa permess mill-liġi fuq is-self li kien silef lil żewġha ta' elfejn liri maltin (Lm2,000), u l-ammonti li ġew iddikjarat fil-kuntratt ta' self ma jirrappreżentax is-self li realment kien sar lil żewġha ;

Illi kontestwalment ma' din il-kawża, l-attriċi ippreżentat kawża pħra kontra żewġha sabiex fost talbiet oħra huwa jiġi dikjarat unikament responsabbli għall-hlas tad-dejn kollu li għamel ma' terzi, inkluz kull dejn li sar jew setgħa sar mal-konvenut Carmelo Azzopardi, u biex jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet l-attriċi u wliedha minħabba dan id-dejn ;

Illi l-attriċi trid tattakka, tannulla, u tirrexxindi l-kuntratt fuq imsemmi li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-1 ta' Awissu 1995, almentu safjen jirrigwarda l-interess proprju tagħha u taż-żewġ uliedha minuri Abigail u Michelle Anne, billi hija giet indotta u mġegħelha tagħti l-kunsens tagħha kontra l-volonta' tagħha għall-ħlas ta' dejn li qatt ma sar fl-ammont li ġie ddikjarat, self li ma kienx sar bil-kunsens jew konoxxenza tagħha, u li sar taħt pretensjonijiet foloz u simulat .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Michael Refalo sar b'qerq u b'ingann, u li l-attriċi ġiet indotta tagħti l-kunsens tagħha fuq il-kuntratt għal self li realment qatt ma sar u li ma kienx dovut, u liema kuntratt sar ukoll taħt pretensjonijiet foloz u huwa simulat ;

2. Sussegwentement tiddikjara null l-imsemmi kuntratt u tordna r-rexissjoni tal-istess att ;

3. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ta' rexxissjoni f'data, ħin, u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti u tinnomina kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-att relattiv ;

4. Tiddikjara lill-attriċi mhux responsabbli għall-ħlas tad-dejn pretiż mill-konvenut Carmelo Azzopardi ;

5. Tiddikjara lill-konvenut l-ieħor Angelo Camilleri unikament responsabbli għal kull ammont ta' dejn li jirriżulta jew li jista' jirriżulta li huwa dovut lill-konvenut l-ieħor Carmelo Azzopardi, u li sar mingħajr il-kunsens jew konoxxenza tal-attriċi ;

6. Tikkundanna lill-konvenut Angelo Camilleri waħdu li jħallas id-dejn kollu hekk dikjarat dovut .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsabu imħarrkin .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi debitament maħlufa minnha .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo u Annunzjata Azzopardi li eċċepew illi :

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi. L-attriċi odjerna ażżardat tippreżenta l-kawża odjerna unikament u esklussivament għaliex hija laħqet ingħatat il-benefiċċju tal-għajnuna legali minn din l-Onorabbli Qorti u qegħda ssibha komda tabbuża minn dak il-benefiċċju billi tippreżenta kawżi bl-addoċċ għaliex mingħalija illi qatt ma hija ser tkun tenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawżi preżentati minnha .

2. Illi in linea preliminari, jiġi eċċepit illi l-azzjoni attriċi hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn stabilita fl-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili .

3. Illi fil-meritu, qabel xejn, jiġi rilevat illi l-allegazzjoni illi l-esponenti tħallsu interessi ferm ogħla minn dawk permessi mil-liġi hija totalment infondata fil-fatt . Dan tajjeb li jingħad għalkemm fit-talbiet tagħha proprji l-attriċi ma inkludiet ebda talba sabiex jiġi dikjarat illi l-esponenti tħallsu xi interessi oltre dawk permessi mil-liġi. In sostenn ta' dan l-esponenti qegħdin jannettu ma' din in-nota tal-eċċezzjonijiet kopja ta' ittra illi huma kienu spedew lil Angelo Camilleri, fid-dar matrimonjali fejn kien jabita mal-attriċi odjerna fit-22 ta' Ġunju 1995 u illi fiha huma kienu elenkaw dettaljatament id-diversi versamenti magħmula minnhom lilu, kif ukoll kopja tad-diversi skritturi imsemmija f'dik l-ittra . Minn dakinhar tal-kuntratt sal-lum, l-interessi dejjem ġew kalkolati ai termini u in piena regola mal-liġi u ma intalabx ċenteżmu użura kif sejjer jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża .

4. Illi mill-iskritturi esebiti jirriżulta wkoll illi fil-mument illi ġie kuntrattat id-debitu minn Angelo Camilleri, ma kenitx meħtieġa l-firma ta' martu ad-validitatem . L-esponenti agixxew in piena bona feda u in ottemporanza mal-ligi viġenti dakinhar illi huma wettqu s-

self lill-konjuġi Camilleri . Huma totalment estranei ghall-kwistjonijiet, veri jew ivvintati illi jistghu talvolta jeżistu bejn l-attriċi u żewġha . għalhekk ċertament illi l-esponenti ma għandhomx jiċċahhdu mid-dritt illi jitħallas lura lilhom il-kapital, flimkien mal-interessi u l-ispejjeż legali inkorsi minnhom sempliċement minħabba xi diverġenzi illi jistgħu talvolta jeżistu bejn il-konjuġi Camilleri .

5. Illi inoltre mhuwiex minnu illi s-self sar fi żmien meta Angelo Camilleri kien qed jisparpalja jew jistratta l-familja tiegħu . Is-self sar meta Angelo Camilleri kien għadu miġbur ma' martu u wliedu; u ser bl-iskop illi huwa jkabbar in-negozju illi dak iż-żmien kien iġestixxi ta' bini u bejgħ ta' proprjeta' . Infatti kien bis-saħħa ta' dak in-negozju illi Angelo Camilleri dak iż-żmien kien qed irabbi lil uliedu, jibni d-dar matrimonjali tiegħu, ilestiha, u jmantni lil martu . X'għamel wara ma jinteressax lill-esponenti, u huma ma jistgħu qatt iwieġbu għall-għemil sussegwenti tiegħu .

6. Illi lanqas huwa veru illi l-esponenti adoperaw xi qerq jew ingann fil-konfront tal-attriċi sabiex jinduċuha taddivjeni għall-kuntratt tan-Nutar Michael Refalo tal-1 ta'Awissu, 1995 .

7. Illi finalment, lanqas huwa veru illi dak il-kuntratt sar taħt pretensjonijiet foloz jew huwa simulat, u dan kollu kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża .

8. Illi l-attriċi qegħda tipprova tattakka s-self illi ġie kuntrattat minnha u minn żewġha qabel is-sena 1993 u qed tipprova tapplika għal dak is-self il-liġi kif viġenti llum, meta l-istess liġi ġiet biss emendata fl-1993, u ċioe' ferm wara li ġiet kuntrattat dak is-self .

9. Illi bir-rispett kollu huwa sottomess illi l-attriċi odjerna hija kompliċi fil-frodi illi qed jipprova jikkommetti żewġha billi għal tant snin hija kienet, almenu taċitament, tagħti appoġġ lil żewġha w issa illi dan qed jiffaċċja diffikoltajiet finanzjarji (veri jew immaġinarji), qed tipprova teludi u tevai d-drittijiet leġittimi tal-kredituri tiegħu

u tagħha billi tippreżenta kawżi bl-addoċċ proprju għaliex hija qegħda fil-preżent tgawdi mill-benefiċċju tal-għajnuna legali .
10. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Carmelo Azzopardi .

Rat il-verbal tagħha tas-16 ta' Marzu 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, l-affidavits u dokumenti esebiti .

Rat ukoll l-atti tal-kawża ċit. nru. 68/2001 fl-ismijiet : "Mary Camilleri vs Angelo Camilleri", deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju 2004 u allegati skond verbal tas-7 ta' Ottbru 2004 .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ndikat fiċ-ċitazzjoni huwa null għal diversi raġunijiet hemmhekk imsemmija, fosthom is-simulazzjoni u pretensjonijiet foloz u għalhekk talbet ukoll ir-rexxissjoni tiegħu .

Għal dawn it-talbiet il-konvenuti eċċepew fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' sentejn stabilita fl-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili . Dan l-artikolu jistipula illi :

**(1)** " … **l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta', taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn ;**
(2) **dan jgħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza**" .

Huwa evidenti illi fejn l-attriċi qed titlob ir-rexxissjoni ta' kuntratt għar-raġunijiet imsemmija, dan l-artiklu huwa applikabbli għall-każ in eżami . Il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li qed tattakka l-attriċi sar fl-1 ta' Awissu 1995,[1] u l-kawża preżenti ġiet intavolata fl-20 ta' Lulju 2001 . Għalhekk jirriżulta ampjament illi laħqu għaddew ferm iżjed mis-sentejn konċessi mil-liġi għal azzjoni bħal din, mingħajr pero' ma kien hemm ebda interruzzjoni ta' din il-preskrizzjoni . Din l-eċċezzjoni timmerita għalhekk illi tiġi milqugħa .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tilqa' din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Dok. A a fol. 5 - 7 tal-process .